# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**54.** **11 ta' SETTEMBRU 1909.** **IT-TIENI SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħalha 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel disa xhur b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għa'd-Direzzjoni għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo, għal l-Amministrazzjoni għand il Cav: G. E. INGLOTT, 24, Rue D'Argens, L-Imsida.**

## L-Industriji Maltìn.

Nies li meta jitilgħu f'il għoli f'il għoli jirfsu lil min jcun taħthom; nies li meta jcollhom is-setgħa f'idejhom jaħkru lil għajrhom; nies li tejn ijsibu il għasel ma jiddardrux ijbillu sebagħhom chien haŭn f'id-dinja minn dejjem. Ŭieħed minn daŭn chien Verre, li fi żmien li Malta chienet taħt it-triegıja ta'r-Rumani chien laħak Pretur ta' Skallija. billi dina ucoll chienet taħt il ħacma tagħhom u ii chien dmiru ucoll li jati dakka ta' għajn seŭŭa fuk Malta. Dana beda jisrak, ijberbex jaħkar, ijgħacches lili cull min chien taħtu chemm jiflaħ, u għalhecc l-Iskallin nafru u ghemgmu sħiħ ma'l Padri Coscritti li chienu kishom il Membri ta'l Parlament ta'r-Repubblica Rumana. Il Cbir Oratur Ruman Cicerun ħa il ħsieb li kuddiem is-Senat jugżaħ hu, u bakghilna it-taħdita famusa li chien għamel b'il-latin contra tiegħu u li minna nistgħu nieħdu dac li jmiss lilna biex naraŭ fejn chienu ŭaslu iċ-ciViltà u l-industriji tagħna f'daŭc iż-żmienijiet.

Cicerun jibda biex jugżah li f'Malta ŭakka! fabbrichi ta'l insiġ b'il macni biex jintisġu ħŭejjeġ ta'n-nisa accont tiegħu u jgħid li dina ma chienet xejn ħaġa xierka għal min chien kiegħed f'post għoli bħal tiegħu. Cicerun ijsemmi dac li Verre għamel lil ŭieħed malti li chien jismu Diodoru u li jgħidilna li chien «għani, nobbli u splendidu u li chellu dar f'Malta u oħra f'Serkusa fejn jokgħod.»

Naraŭ x'nistgħu nieħdu minn daŭna il chelmiet. Nibdeŭ m'il isem u naraŭ li tant conna sirna ħaġa ŭaħda ma'r-Rumani li fl-ismijiet sirna nakblu magħhom ucoll. Dana chien jismu Diodoru; nafu ucoll b'Aŭlu Licinju, b'Menandru u b'il kaddis Pubbliu tagħna. Ĉara mitt sena li ilhom haŭn l'Ingliżi chemm għandna Maltin li jgibu ismijiet ingliżi? Tafuh daksi.

Ijgħid li Diodoru chien nobbli; mela, chif ġa għedna f'il bidu ta'l Istorja ta'l Familji Maltin, in-nobbiltà f'Malta ilha il fuk minn elfejn sena u sa chemm poplu jibda jati in nobli jrid jcun imdaħħal ħafna f'iċ-ciViltà, f'il ħila u f'il għana; u li Diodoru chien għani ħafna naraŭħ m'iż-żeŭġ djar fejn jokgħod li chellu f'żeŭġ pajjisi u li biex ijmur u jigi chien ijrid ħafna spejjes u f'il coppi ta'l fidda li chellu, maħdumin m'il famus Mentore, (li ma nafux jecc chienx malti jeŭ le) u li Verre iccundannah għal meŭt meta ried b'il fors jieħodomlu u ma ħallieħx billi ħarab u mar Ruma bihom.

Meta xehed kuddiem is-Senat fejn chien sejaħlu Cicerun stess biex ijgħid chemm ħabbtu Verre biex jisirku u ŭara li spiċċa m'ix-xhieda tiegħu, Cicerun dar fuk is-Senaturi u kallhom :---Ftacru li hu Malti dan Diodoru li tiegħu issa għadcom chif smajtu ix-xhieda.»

X'ijfisser dana? Ma jfisserx fors li il Maltin ta' dac iż-żmien chienu irgiel għal darba u li chelmithom chienet assaħħ m'il ħalfa ta's-Sultan u li chienu nies ta'r-ruħ li dac li jgħidu huma chien jixrak li jemmnu cullħadd? Ma jfissirx forsi li f'daŭc iż-żmienijiet u kuddiem is-Senat ta'l Imperu Ruman ma chienet xejn ħaġa li ŭieħed ijrid jistħi minnha billi chien malti? Kalulna Sir Johnston stess f'il Harmsworth's History of the world» li sama ŭieħed ingliż gŭappi ijcasbar malti ta' ħila fl-Uffiċċju Colonjali billi kal li «ommu hi maltija» u għalhecc xi Maltin leccażraben billi jafu chemm għandhom idea żgħira tagħna l-Ingliżi u chemm ijħobbu jżommuna baxx, jiċħdu in-nazzjon tagħhom billi jbiddlu f'ingliż m'hux biss isimhom iżda cunjomhom ucoll. Ma jafux daŭna in-nies ta' kalb giefja li meta tgħid Malti, kuddiem id-dinja tcun għedt dac

li rakkad il għalla ŭiekfa ta' Maumettu u ta' Napuljun, li salva l-Eŭropa minn-Nofs Kamar u ta' nies bħal Isouard, Bosio, Barth u xi oħrajn li jistgħu jokogħdu fost in-nies cbar ta' cull nazzjon.

Barra minn dac li ħalla mictub Cicerun insibu xi ħŭej-jeġ oħra ucoll li jgħarrfuna chemm conna miġjubin tajjeb ma'r-Rumani f'daŭc iż-żmienijiet. Min xi scrizzjonijiet li nsibu fuk xi lapidi kodma li nchixfu haŭn Malta, sirna nafu li tliet Maltin bħalna geŭ maħtura bħalha CAVALIERI RUMANI; u daŭna chienu Marcu Vallju, C. Valju Postumju u Luċju Castriċju. Issa ingħid jien sa chemm lil daŭna it-tliet Maltin tellgħuhom f'dac il grad sŭeŭ għal xi ħaġa jeŭ f'il għerf, jeŭ f'il ħila jeŭ għax chienu nobbli jeŭ għa'x chienu għonja u daŭna collha jmorru favur tagħna biex juru li il Maltin ta' elfejn sena ilu chienu imxeŭ ħafna il kuddiem. U haŭn ma irridcomx tinseŭ lil għaref malti Aŭlu Licinju li semmjna, ħabib ta'l kalb ta' Cicerun u li bħalu żamm ma' Pompeŭ contra Cesri u li għal ħila cbira tiegħu Cicerun sejjaħlu "L-Aristotile Malti." Ŭara li Pompeŭ kala xebgħa famusa minn Cesri Aŭlu Licinju kala il maħfra b'il chelma it-tajjba ta'l ħabib għażiż tiegħu in-nobbli Tallju, u billi ma riedx jibka iżjed f'Malta, Cicerun tah ittra ta' raccomandazzjoni li fi ftit cliem tgħid hecc: «li Aŭlu Licinju Aristotili, malti, għiex f'dari minn żmien ilu u li hu ŭieħed m'il egħżeż ħbieb ta' kalbi. Għalhecc nirraccmandah ħafna u l-actar issa li kala il maħfra minn għand Cesri talli żam ma' Pompeŭ u għal żmien tŭil actar minna; u għalhecc nitma li jakla cull għajnuna li jinħtieġ.»

Issa nisthajjel tgħiduli: x'għandu x'jaksam dana li kiegħed tgħid ma'l industriji maltin? Ma l-eŭŭel dakka ta' għajn xejn; iżda jecc ŭieħed jokgħod jitħasseb ftit ijsib li għandu x'jaksam ħafna. Meta ta'l Industriji maltin ma għandniex storja mictuba u lesta għal daŭc li huma żmienijiet antichi, trid b'il fors tara fejn tkabbad difrejc biex tiġbor xi raġġ ta' daŭl minn ħŭejjeġ oħra. Issa għandcom tcunu tafu li pajjis meta jimxi il kuddiem f'iċ-civiltà, ma jimxix f'ħaġa ħafna u fl'oħra xejn. Jecc illum jeu ilbieraħ għandna jeŭ chellna letterati ta' ħila, ma jistax ijcun li ma jcollniex ucoll min mexa il kuddiem ħafna f'ix-xjenzi u fl'arti, u ma daŭna għandcom issibu progress cbir ucoll f'il politica u f'id-draŭŭiet.

Mela jecc fi żmien ir-Rumani nafu sgur li chellna letterati gŭappi, li chellna nobbli u nies ta' ħila, li chellna tempji u monumenti sbiħ, imżejjna b'cull xorta ta' għana u ħŭej-jeġ ta' ħidma irkieka, chif katt ingħidu li l-industriji tagħna chienu għadhom l-ura? Meta nippruvaŭ iċ-civiltà f'pajjis u il progress f'tagħlim ieħor jidhirli li ncunu ippruvajna ucoll li chellhom b'il fors jinbtu industriji biex jaktgħu ix-xeŭkat u jserrħu il bżonnijiet ta' daŭc in-nies għorrief ta' daŭc iż-żmienijiet.

U imbagħad meta chellna nies bħal Paŭlu Licinju li chienu midħla għal snin cbar ta'd-dar ta' Cicerun (li chien ŭieħed m'il akua Rumani ta' dac iż-żmien) u li Maltin oħra saru Cavalieri Rumani; igifieri meta il Maltin chienu ħaġa ŭaħda ma' Ruma, chif jista katt li il Maltin, tant rashom tilħkilhom fi ħuejjeġ oħra, ma ħatfux l-industriji rumani li chif nafu m'il chittieba u m'il monumenti ta' dic il ħabta, chienu ġa jeżistu u immixxija ħafna il kuddiem?

Mela jecc m'hux kabel, għallankas minn elfejn sena l-haŭn f'Malta chienu jeżistu l-industriji ġa u li biċċa minnhom, bħal dic ta' l'insiġ, chienu imfaħħrin ma'd-dinja collha. Mela l-istorja ta'l industriji tagħna tgħodd elfejn sena ħajja sgur. Liema huma daŭc in-nazzjonijiet li jistgħu jiftaħru bħalna li elfejn sena ilu chellhom industriji ġa imfaħħrin ma'd-dinja u li barra minn dan chellhom nies għorrief bħal Aŭlu Licinju u Menandru, u nobbli bħal Diodoro u Pubbliu, u tempji bħal ta' Ġunone, u sehem f'il pulitica ta'd-dinja bħal Maltin ta' dac iż-żmien?

Mela min ijżeblaħna u jżommna mirfusa jagħmlu għax ma jafniex b'iż-żejjed- Jiftaħ l-Istorja glorjusa tagħna u jakra, ħalli jieħu gebla u jati biha fuk sidru ħalli jakla l-indiema ta'd-dnubiet ħorox tiegħu.

# X'JISTGĦU IUEGĦDU BLA MAGGIORANZA?

Il fehma tagħna li, minn jidħol f'l-esecuttif ma għandux jitħallas, imkar fil Cunsill Legislattif icun hemm il magguranza, ma hijex ġdida; għa'x hecc tehmna kabel ma giet il Costituzioni tal 1887; u, sal lum, bkajna b'din il fehma. L-eŭŭel occasioni li chelli biex nagħmilha bil mictub lil eletturi, chienet f'is-sena 1895 u tliet snin ŭara, fil 1898, meta, flimchien ma' l'avucat Mizzi, għalchemm ma contx uieħed mil candidati tighu, hdimna fil cunsill bli stess ueghda ghax hsibna, bhalma tchellimna ċar fil cunsill, li il hlas ta' tliet mitt lira jista iservi, *bhalma serva*, ta deni għal pajjis, għax min icun imsejjah ghal dac il post, jinhatar mil Gvernatur u m'hux mill poplu, ghalchemm *imhallas mill poplu.* U tafux min jidhol fl'esecutif chemm idum hemm geuua? Sachemm jogħġbu il Gvernatur; ghax il il hatra, chif tgharrafna il Costituzioni tal 87, issir a *beneplacita* tighu, voldiri sachemm icun irid hu... U dana ifisser uisk; ghax chemm il darba lil Gvernatur jidhirlu li miexi scont l'interess tighu, collox seuua, jecc imbgħad jidhirlec li, scont il cuncenzja, ma tistax tghejd iva mighou, icolloc titlak bhalma telku Mizzi, Sciberras, l'Arcipriet Cordina u ohrajn li ma setghoux igħejnu l'it-tiranni f'ix-xoghol kerriedi tal libertà u ta l'interessi tal poplu malti.

U il Gvern jaf tajjeb li, b'dauna it-tliet-mitt lira il poplu ma iridtx jaf; ghax is-sigritariu li għandna, fil Cunsill, kal *li dan il hlas ma giex imsemmi fil Costituzioni li ghandna, ghax il poplu chien dejjem* CONTRA *tighu.* Iżda ma kalx ir-raġuni ghax il poplu dejjem bghadu dan il hlas, ghaliex chien jagħmel ghejb lil Gvern li jirrappresenta. U uiehed ghandu igib kuddiem għajnejh, li meta l'onesti haduha contra il hlas ta l'esecuttif, chienu 14 contra sitta tal Gvern, u m'hux bhal lum 10 tal Gvern, li bighom jista jghaddi cull ma ifettillu f'rasu, u tmiena tal poplu, li ma jistgħou jaghmlu xein, xein... u xein.

Milli sejrin insemmu sgur xein ma nafu; iżda haun xnigha li is-Sur Azoppardi u shabu, jecc forsi m'hux collha il biċċa il cbira, ghandhom f'rashom li, jecc jidhlu xi tnejn minnhom fl'esecuttif jithallsu, ghalavolja il ministru ma jatix lil cunsilieri tal poplu ghadd icbar minn dac li ghandu il Gvern. Ghedna haun din ix-xnigha, ghaliex is-Sur Cicc Azoppardi, minn mindu gie minn Londra, ghadu ma kalilna xein x'għamel u x'kallu il Ministru fuk l-affari tal Costituzioni, u għankas liema ghandu icun il programm elettorali tighu u ta shabu, chemm il darba ijsejhilhom ghall Esecuttif, fil hin li poplu jibka fil minoranza.

Naħsbu, f'dac li sa issa hu, u li, għada, jista jcun xorta oħra: igifieri li it-tisuija fil Costituzjoni tcun biss, li minn tmienia, il Gvern isejjah tnejn fl-Esecuttif, mhallsin bi tliet mitt lira f'is-sena.

Il mistoksija tigi ŭeħidha, ghax trid jeŭ ma tridtx toħroġloc:

Jista is-sur Azoppardi, jistgħu sħabu, f'dan li stat li jinsab fieh il pajjis b'Costituzioni li tati BISS cul setgħa lil Gvern, jagħmlu programm elettorali u fieh iuegħdu seriament x'għandhom jagħmlu għal poplu, x'jistgħu jakilgħu ghalieh fil Cunsill, jistgħux irażżnu il Gvern, jecc iuebbes rashu jagħxi self fuk il huejjeġ ta'l Maltin, jeu jecc, bhalma bosta drabi riedt, jagħmel taxxi ġodda ma li għandna u li Alla jat b'liema tkanżieh kegħdin inhallsuhom f'daun il ġranet tal kagħad? Scont ma nifhmu, u scont ma uiehed jista iuassal b'dehnu, il programm, jeu il uegħdiet li jagamlu il poplu biex jatihom il vot, icun l'icbar daħka fil uiċċ, u biċċa li tagħmel ghajb lil galantomi li ma għandhomx secondi fini.

Ghax chif jaghllmuna, il ueghda, jeu programm ta kabel l'elezioni, hi obbligazioni lejn il poplu, u jecc tcun taf li dac l tuieghed ma tcunx tista ittemmu, m'hux biss tcun tidħak f'uiċċ il poplu, iżda tcun kiegħed takdi lil min irid jitfghu taht ir-riġlejn iżied milli jinsab.

Li ma jistghu jaghmlu xejn—ma maggiuracza li dejjem u f 'collox tobdi il Gvern, kalu fil cunsill f 'risoluzzioni is-sur Azoppardi stess u kaluh miegħu sħabu li ivvotauha il coll. Barra m'il Cunsill chitbu lil Ministru fl-14 ta' Settembru 1908 u fis-26 ta Mejju ta din is-sengħa, tejn kalulu li il Costituzzjoni li għandna ma tati ebda setgħa lil Cunsilieri ta'l poplu, għax għal pajjis, fil minoranza ma jistgħu jagħmlu xein u kieshom ma huma xejn. U meta is-Sur Azoppardi mar Londra ma sieħbu Mattej, naħsbu li kal lil Ministru bil fomm dac li kallu bil chitba. Mela, jecc ma jistgħu xejn, għax il maggiuranza tal Gvern taghleb dejjem, jecc gid għal pajjis ma jistgħux jicsbu, jecc il presenza tagħhom chiesa XEIN fil Cunsill, bħalma huma stess kalu u chitbu, chif katt, billi isejjah tnejn minnhom fl'esecnttif bi 300 lira fis-sena jecc il poplu b'daun il cundizzionijet icun tant ibleħ jatihom il vot, jistgħu ighejdu illi il Costituzzioni isseuuiet, u għandhom il cuncenzia iuegħdu lil poplu biex jehelsuh, jecc setgha ma għandhomx??

Min iuieghed irid jati; u, meta ma tistax tuieghed, voldiri ma tistax tati, u jec tuiegħed u ma tatix, tcun trid tidħak b'dac li icun. Iżda, il galantomi ma jaghmlux hecc; u jecc il Cunsilieri li chellna iridu jimxu ta' rgiel li ghajnejhom ma jitghemmxux bi tliet mitt lira u ankas b'iżjed, bħalma fil 1898 chellna 14 il Cunsilier li riedu jahdmu b'xein għal pajjishom, ghandhom, jagħżlu haġa uahda ghal poplu, jecc il Ministru irid jitmellah u ighaddi iż-żmien bieh: il PROTESTA u xejn izied mil PROTESTA.

A. Dalli.

## FRAC.

Fit-2 ta' dan ix-xahar Sir Merewether, li kieghed jagħmel minfloc il Gvernatur, tà midalja lil cuntistabbli Giusè Cachia talli dan, b'periclu ta ħajtu, salva mill meut lil ħaddiehor. Għamillu chelmtejn sbieh, u il gheġuegija nies li ingemghet il Piazza tal Belt, applauditħu uisk. Mal midalja tagh certificat u hames liri mil tond ta'l Pulizija. Nifirħu bil kalb lil Giusè Cachia għax ħakku u għandna tama li is-superiuri ma jinseu jirraccomandau lil min ħakku.

★

Il kuddiesa tas-surmast Dandu Camilleri, li conna ħabbarna f'għadd imgħoddi, saret nhar il festa ta' Stella Maris f'tas-Sliema.

Culħadd ħareġ jiftahar biha, għax maħduma b'il ħila u b'ir-rekka colla ta chif irid il Papa li issir il musica tal cnejjes. Professuri xjuh li jitmhu u jitchellmu bla passioni u partiti, kalu li din il kuddiesa tagħmel gieh lil min chitibha u lil Malta ucoll.

Għalecc, fejn jistgħu, il procuratori tal cnejjes ma għandhomx jinseu il Maltin musicisti, u jaghmlulhom il kalb, biex din l'arti sabieha timxi il kuddiem fil pajjis. Nifirħulu hafna.

★

Is-sur Uenzu Gatt C.M.G. tal Public Works, chiecu jati dakka ta' għajn ġo ta's-Sliema u jara li stat li fieh jinsabu it-torok, xejn ma jagħmel ħażin. Ħemm torok, bħal dic ta's-Sagro Cuor, li minn nahha seuueu il banchina b'iż-żrar, u minn nahha l-ohra halleuhom chif chienu. Dan forsi għamluh għal economia jeu għal capriċċ ta' rashom? Issa li ix-xitua uara il bieb, imisshom jaħsbu għal daun il ftit tisuijet, ghax meta tibda ix-xita, cull ma jagħżlu isirilhom suf. Nittamau li is-Snr Gatt jaħseb għal dan il għauġ għalchemm is-suprastanti tat-torok chien imisshom habbruhulu minn rajhom....

★

Smajna li ġeja cummissjoni oħra biex jistudiau seuua il marda ta'd-deni mnejn hi gejja; jecc hux mil halib jeu middrenaġġ u fiha isejhu tobba maltin biex jatu il parir tagħhom. Dac li chiteb it-tabib ingliż Hadwen ma marx mar rieh. Biex haġa ma's-sirx seuua u scont il hakk mill euuel, il caxxa ta' Malta m'hix għajr toħroġ l'eluf tal liri għal daun il cumissionijet, u dana juri chemm il Gvern tagħna 'hu bla ras u berbieki.

★

Fahhrulna hafna li statui tal cartapesta li għamel Giorg Falzun għal festa ta' Stella Maris, giuvni intelligenti u li għad jirnexxi uiehed mil aħjar artisti tal pajjis. Meta narau pajsani tagħna jimxu il kuddiem fl'arti, niehdu gost għax nuru li aħna ma aħniex inkas minn nies oħra. Immela nagħmlu curaġġ lil Giorg u inhaddmuh biex natuh mezz li bieh jurina x'jaf jagħmel.

★

Fuk chif kegħda taħdem il Pulizia, igħidu, li sejra issir cummissioni oħra. Ix-xogħol sejjer jagħmlu inglis ucoll, u x'izied b'x'għajnuna ta' maltin. Ma niċhdux li xi haġa ma għandiex issir fil corp tal pulizia li titħallas bi 23 elf lira f'is-sena, għax meta narau cuntistabbli li, minn xi dakkiet, ma jafx jicteb isem u cunjom, jakbadna il bart.

## CRONOLOGIJA TA' MALTA.

Settembru.

13—1589. Il Cursar Cicala ħarbat Għaudex bi tlieta u tlietin xini.
14—1622. Miet il G. Mastru Alofju Wignacourt.
15—1814. Tcanta *Te Deum* talli ħlisna m'il pesta.
16—1733. Id-data ta'l Bolla ta' meta saret Colleġjata il Cnisja ta' San Paul ta'l Belt.
17—1614. Fondazzjoni ta'l Isptar Saura.
18—1798. Giet l-Armata Portughiża biex tgħin lil Maltin.
19—1711. Miet l-Iskof tagħna Cocco-Palmieri.


CIRCU = TIATRU BRITANNIA
IL FURIANA.
CUMPANNIA TAZ-ZUIEMEL
FRANCO AMERICANA
CULL JUM FIT-8. 30.
NHAR IS-SIBT U IL HADD
2 RAPPRESENTAZIONIJET 2
fit-3. 30. u fit-8. 30.
"PROGRAMMA COLLU GDID"
Lgħob li għadu ma sar katt. Zuiemel—Bakar—Papri Hmir u Animali oħra.
PANTOMIMA BIL BALLU.
Avvis.
Ghal cumdità ta' min kiegħed il campanja u ta' dauc li ma jistgħoux imorru billeil, jeu il Hadd uarà nofs inhar, sejer icun hemm rappresentazjoni straordinarja bi Programm mill'isbaħ Nhar is-sibt uara nofs inhar fit-3. 30. barra minn dic li issir fil għaxija fit-8. 30.

# L-ISTAMPA F'MALTA.

Ftit ilu f il « Gazzetta di Malta » deheret l-Istorja ta'l Istampa f'Malta ta'l Magistrat E. Parnis, li tant ijħobb u jifhem f'il ħŭejjeġ antichi maltin; u billi hi interessanti ħafna irrid niġbrilcom xi ħaġa minnha biex tcunu tafu chemm ilha l-Istampa ŧostna. Jibda biex ijgħid li l-eŭŭel stamperija f'Malta ŭakkafha Pompeo del Fiore, fi żmien il Gran Mastru, Lascaris fl-1644, u li tŭakkfet f'il Fran ta's-Sinjurija, u il Gran Mastru biex ijkaŭŭilu kalbu taħ għal għaxar snin id-dritt li ħadd ma jista jistampa ħliefu certi cotba taħt piena ta' għaxar scudi lill Fisc u li jitlef il cotba li jcun stampa. Ftit ŭara Paŭlu Bonacota kala il permess li jarma stamperija oħra b'il patt li ma jmiss ix-xogħol ta' Del Fiore. Dan Bonacota fl-1674 stampa l-Istorja ta' Malta ta'l Commendatur Abela u l *Ismeria* ta'l Commendatur Carlu Micallef. M'il 1660 sa'l 1724 l-istampa actarx giet miżmuma billi il cotba ta'l Ordni geŭ stampati f'Ruma u F'Borgo Novo: Fl-1724 inħolkot l-Istamperija ta'l Gvern f'il Palazz taħt it-triegija ta'l Istampatur Ġann Andrì Bonvenuto. Dana chien taħt il Gran Mastru Vilhena. Taħt Pinto żdiedet f'il Palazz stamperija oħra u it-triegija taħha intreħiet f'idejn kassis, Dun Nicol Capaci li dam sa'l 1773 meta laħak f locu Ġanni Mallia li dam sa'l 1798. Ħadd ma chien jista jistamcotba jeŭ ijdaħħal cotba f'Malta minngħajr il permess ta'l Gran Mastru. Fi żmien il Franciżi l-Istamperija ta'l Gvern ħadet l-isem ta' *Imprimerie Nationale* u baka bħalha stampatur Ġanni Mallia li chien kabel. Il Franciżi taŭ il permess li cullħadd jista jistampa xogħlu basta b'ismu; u haŭn dehret l-eŭŭel Gazzetta li ma chellhomx jistampaŭ irŭieħhom fiha ħlief documenti ta'l Gvern. Dina il gazzetta chienet stampata colonna b'il franciż u oħra b'it-taljan, chien jisimha « *Journal de Malte* » chellha tmien faċċati u l-eŭŭel numru deher fl-Lulju ta'l 1798.

Fi żmien l-Imblocc inżammet il-libertà ta'l Istampa u il Gazzetta ucoll. Meta geŭ l-Ingliżi f'Malta l-Istamperija ta'l Gvern m'il Palazz fejn chienet ġarreŭha f'il Berġa ta'l Italja fi Strada Mercanti taħt it-triegija ta'l Istampatur Vittorio Barzoni. Ŭara ftit iżda reġġħu ġarreŭha il Palazz u ħadd ma chien jista jżomm stamperija jeŭ jistampa (barra m'll Cummissarjat Militari u m'il Missjoni Anglicana) minngħajr il permess ta's-Segretarju ta'l Gvern. Fost il cotba li il Gran Mastru Lascaris ħalla jistampa lil Del Fiore chien l-Evangelju ta' S. Ġŭann; l-Inglizi taŭ il permess lil Missjoni Anglicana biss biex tista ixxerred chemm trid minn daŭc il cotba karrieka tagħha bla ma jista jistampa xejn contra tagħhom ħadd! M'il l-eŭŭel l-Ingliżi bdeŭ ijbagħbsuna, iżda ma irnexxielhomx. Fl-1812 deher il « Giornale di Malta » ta' Vittorio Barzoni u Ġużè Casolani u chien mictub collu b'it-taljan. Il « Gazzetta ta'l Gvern » dehret l-eŭŭel darba f'is-27 ta' Ottubru 1813 minn Vittorio Barzoni. Sa'n-numru 144 chienet b'it-taljan colha, imbagħad daħħlu l-ingliż. Fl-1838 ħasbu biex jatuna il-libertà ta'l Istampa u dehru l-istamperiji ta' Izzo, Naudi, Cumbo, Tonna u Bianchi. Li *Spettatore Imparziale* deher f'it-23 ta' April ta'l 1838: il « *Portafoglio Maltese* » tŭieled f'it-12 ta' Mejju 1838 u chien il ġurnal li l-actar dam ħaj f'Malta. F'Ġunju ta'l istess sena dehru *Il Mediterraneo, l'Arlecchino* u l'*Ape Maltese*. Fl-1839 giet il-libertà ta'l Istampa bl-Ordinanza IV ta'l 1839; żdiedu għalhecc malajr l-istamperiji u il gazzetti. Bl-Ordinanza XIV ta'l 1889 tliġġmet il-ligi ta' kabel billi bdeŭ isiru ħafna abbusi u f'il-ligi il ġdida daħlet għal l-eŭŭel darba il compensazzjoni morali.

Chit ġa tafu jiena ġa bdejt niġbor l-Istorja ta'l Gazzetti Maltin. Ŭarajha niġbor ucoll dic ta'l Gazzetti b'it-taljan u bl-ingliż u ŭara ta'l cotba Maltin jeŭ stampati f'Malta ucoll, u b'hecc jista ġurnata jcollna Storja ta'l Istampa Maltija surer in-nies.

# Il Malti għal Maltin.

**Tiddagħdah**—titkalleb b'il kaŭŭi; "in-nar jiddagħdah ma'r-rieħ" meta ir-rieħ kauŭi jibda iperpru l-haŭn u l-hemm. «Il baħar imdagħdaħ » — kaŭŭi ferm. « Jiddagħdah għal xejn b'xejn » —jisħon, jinqŭieta ruħu.

**Dŭiek**—ftit chemm idduk ħaġa. « Atini dŭiek għasel » ftit chemm induku.

**Tindakk**—il gilda meta ŭara in-nefħa tarġa tmur flocha.

**B'id-dakkuka ta'd-dahk**—x'igifieri? Id-**dakkuk** hu dud irkiek li jidħol taħt il gilda l-actar f'dahar l-annimali u għalhecc igib ix-xeŭka li tħocc kaŭŭi.

Il barri jgħidu li jcun b'id-dakkuka meta jcollu minn dana id-dud u jibda jħabbat riġlejh fl'art u jitħabat. Mela tcun b'id-dakkuka meta jcolloc ħrara cbira għal ħaġa. « Illum b'id-dakkuka ta'x-xogħol sbaħna. »

**Dakk tnax għalija**—igifieri spiċċa collox għalija għaliex l-arloġġ dakk tnax,, l-agħar siegħa ta'l antichi.

**Dakk it-tabar**—ta't-tambur. « Cull ma jagħmel collox b' dakk it-tabar » —b'il frattarija li jcun jaf x'sar cullħadd- « Ma jibżax minn dakk-it-tabar » —li chien idokk biex isejjaħ in-nies għal l-armi meta chienu jiġu it Toroc għalina, u għalhecc tfisser— « ma jibża minn xejn. »

**Dura**—dic il għorfa li jŭakkfu il caċċaturi biex jinħbeŭ m'il agħsafar.

**Deir**—fl-antic chienet tfisser « cunvent; » għalhecc għandna loc f'Malta li jgħidulu « Deir-il-Bniet » —igifieri abatija u «Deir-il-mara » illum «Delimara. »

« Ilu **jdar** f'dan ir-raħal » —ilu jokgħod b'id-dar ħafna.

**Madar**--raħal, katgħa djar.

**Darfgin**—il kaskuż li jrabbu f'id-dar b'il fdal ta'l mejda.

**Idorr**—jagħmel id-deni l-indigestioni. « Cull ma jiecol idorru » —jagħmillu id-deni. « L-ichel ta'l barrani jdorr » —hu kares, iebes, tbati biex takilgħu. Għad ijmut b'xi tidrira »— indigestioni. « Mdarrar b'il geŭż li chiel » għandu l-istoncu marid.

**Daŭla**—lucerna. « Jistudja b'daksxejn ta' daŭla. « Dar daŭlija » —mimlija daŭl.

**Dbib**—annimal feroci. « Meta jisħon ijsir donnu dbiba. »

**Debbieli**—hu ir-rieħ li jnixxef, jagħmel midbiela il fjuri.

**Tidboħ**—meta chienu joktlu l-annimali għa's-sacrifizzju (**debħa**)

**Midbaħ**—biċċerija.

**Debbieħa**—ferita żgħira li issir taħt is-sŭaba ta' daŭc li jimxu ħofja.

**Kabil-id-debb**—m'ir-razza ta'ż-żŭiemel.

**Debbus**—sugu għasir. « Jaħtieġlec tagħmilha b'id-debbus ta' kalbec » — « sa għamilha kala id-debbus ta' kalbu » —billi għasar kalbu, bi tbatija cbira, b'il fors.

**Iddebber**—tittratta, tiftiħem. Kiegħed ijdebber xiri ta' għal ka. « Tidbira (negozju) ta' xejn gebbdet xaħrejn. »

**Deff**—tilar. (plural **dfief**),

Għandi **dehŭa** frasi—ninsab aljenat ħafna fuk xi ħaġa. Minn haŭn **dehŭien**—distratt.

**Deħen**—talent. **Dehni**—moħħu jtieħ, jilħaklu.

**Dejjud** jeŭ **Dŭejjed** hu dac li jieħu pacenzja jeŭ ijcun cuntent b'tort li tagħmillu martu.

**Iddecchec**—issajjar ferm. « Il laħam sar **dicca**. »

**Mdella**—umbrella.

*(Jissocta.)*



Billi l-anniversarju ta'l Irvell ta'l Kassisin hu f'il krib u billi dina hi ŭaħda m'il isbaħ poeżiji patriottici li għandna u li hi mictuba tajjeb ħafna ucoll, sejjer inżejjen in-« Naħla » biha u nitma li l-imsieħbin collha jieħdu pjacir.

# MANNARINU LILL MALTIN

TA'

## Dr. ANT: GIO: VASSALLO.

« Maltin, ersku !... ħudu cliemi,—Jien m'is-Sema nħossni mħabbar,
Li ma nuri il ħsieb li għandi—Lili ħadd ma jista jsabbar !
« Jecc ma tħossu fhiex tinsabu—Innebbaħcom irrid jien,
Alla tani daŭl b'iż-żejjed—Tani kalb u tani ilsien.
« Ilha ŭisk marida kalbi—Fuk li ġrala din il Gżira....
F'chelma ŭaħda irrid ingħidu :—Aħna ilsera, Malta ilsira !
« Daŭn l-irhieb li fukna jaħcmu—Cull gieħ tilfu, cull mistħija !
Jecc għa't-tleba ħrara chellhom--Ilu żmien li giet mitfija.
« Il ŭiegħdiet ta's-Slaten mejjta—Minn ta'l-lum geŭ micsurin,
Il jedd collu geŭŭa idejhom....—x'jedd fadlilna, ja Maltin ?
« X'jista il Ħachem ? x'jista l-Iskof—Taħt il kaŭŭa ta's-Sultan?
L-ebda jedd ma jistgħu jtaħħru,—Jagħmlu biss chif ijrid dan;
« Chif ijrid il *chelb ta' Spanja* -xiħ imtabba minn cull dnub;
Dac Ximenes illi jgħatti—B'gild ħarufi kalb ta' lup !
« Is-Sultan u ta' ma dŭaru—Mimlijin nara b'il ħiena,
Collox ġabru taħt idejhom—Minngħajr ħakk u minngħajr [ħniena.
« Bl-ebda biża collox jagħmlu,—Cull ħżunija cull dnubiet;
Minnhom tibża in-nisa tagħcom,—Tibża minnhom ix-xebbiet.
« Minn ijmur xi ħakk jitlobhom—Lilu uiċċ ma jatu xejn.
Jecc għat-tieni darba jitlob—Ijsib ruħu.... min jaf fejn !
« Xejn timleŭ għajnejcom ħuti,—Billi ix-xaba intom taraŭ,
Għax b'dan biss narahom jaħsbu—Li d'il Gżira u lilna xtraŭ !
« Ħobż jatuna, dan nistkarru,—Fostna ħadd b'il ġuħ ma jmut;
X'jisŭa il ħobż, il fidda, id-deheb—Jecc sa l'ħsieb għandna [marbut ?...
« Jaħtieġ, l'aħŭa, nuru irŭieħna—Biex neħilsu il Gżira tagħna
Minn da'n-nies li bina karku,—Nitma jien alla jcun magħna.
« Inŭakkgħuhom ! xejn la tibżgħu—Ej ningħakdu il coll fl'im-[chien
U naħilfu l'ingarrfuhom,—L-eŭŭel ŭieħed naħlef jien.
« Cull min hu bin din il Gżira—Għandu lilha demmu jati,
U minn demmu lilha jiċħad—Kuddiem Alla jinsab ħati.
« Jecc it-tokol minn ta'l jasar—Fuk irjusna collu ingama,
Nakilbuhom ! u ma'd-dinja—L-isem tagħna jmur jinstama. »

II.

MANNARINU F'IL ĦADID.

« Le ma nŭaġġa għa'x fuk gismi—'Nħoss it-tokol ta'l ħadid;
Jien għalic, ħanina Malta,—Iżjed mn'ecch nitgħabba irrid.
« Iva, jiena għal imħabbtec—Collu rittu imċarċar demmi !
Ridt ingħinec, iżda is-Sema—Għoġbu jżid u jcabbar hemmi.
« Minn da'n-nies li għar ijgibu—Chemm l'is-sejf chemm l'is-salib,
Ridt neħilsec, iżda is-Sema—Geŭŭa ħabs ried lili jgib !
« Ma chienx dakk il ħin immela—Li jiġġarrfu il misħutin :
Jasal iżda—jasal, Malta,—L'aħna ncunu meħlusin !
« Titla fl-aħħar, nitma t'Alla,—Xemx m'ix-xefak li tarac
B'il ferħ collu tibka ħielsa—Minn min jifhem illi xtrac !
« Mannarinu, min jaf iżda—Tibkax ħaj sa dac il jum ?...
U min jaf f'dal ħabs mudlami—Għal chemm snin tibka miż-[mum.

« Sa'l meŭt nibka ! iżda kampiena—Mejta, mejta smajt f'ŭid [nejja....
Uh, jaħasra! għal meŭt miexja—Daŭc li il bieraħ chienu ħdejja!
« Alla magħcom, ħuti, uliedi—Li għal meŭt intom sejrin
Għax ħabbejtu ŭisk lil Gżira—Intom tcunu kaddisin !
« Għaliex jien ma ninsabx magħcom- Li cont fostcom l-eŭŭel [ŭieħed ?
Lil dil meut (li għira iġgibli)—Għaliex jien chelli nittieħed ?
« Cabbru klubcom, aħna insara,—Minn din l-art intom għall [Genna !
Nitma jien li Cristu lilcom—Geŭŭa ħdanu ked jistenna.
« O Mulejja li fuk għuda—Mitt sabiex il jasar tħoll,
Af li daŭn sejrin ijmutu--Għax il jasar bagħdu ucoll !
« Fis ilkagħhom geŭŭa is-Sema—U għannakom bejn idejc,
Daks chemm int krib minn missierec—Lilom krib iġbidhom [lejc !
« U inti, o Malta, katt la tinsa—Cull ma għamilna 'mħabba fic;
Lil uliedec faccar dejjem—Li chien haŭn min miet għalic.
« Jiena ridt inxerred demmi—xtakt għalic ucoll immut !
Il chiefrin ħaduli ħajti—Biex jaraŭni hecc marbut !
« Le tŭakkgħuni, għad li ridttu—B'il ħadid ixxicclu il gismi;
Mannarinu cont u nibka;—Iregħidcom dejjem ismi.
« F'laħħar tgħib il cheŭcba tagħcom,—U terħuna, ja chietrin !
Jasal ŭakt li fih incunu—Jien u Malta rebbieħin ! »

III.

MANNARINU LIL BONAPARTI.

« General, jecc Alla bagħtec—Sabiex tgħin lill Gżira tiegħi,
Ħalli ninżel għarcoptejja—Biex riġlejc inħaddan miegħi.
« Meta il ħabar ŭasal f'nofsna—L'inti riesak lejn d'il Gżira,
Collha tregħdu il cbarat tagħna,—F'kalbi jien ħadt ferħa [cbira.
« Da'l cbarat li fukna jaħcmu—Jassru il Malta u lil Maltin.
Ħlief il-libsa xejn ma jgibu—Ta'l cbarat il-leŭlenin.
« Sjuf imsadda ! ġfien u xŭieni—Ijżommuhom għal foħrija;
Biex f'is-sajf idru daŭra—lejn il Lvant, lejn Barbarija.
« Xi xambecc minn hemm ingibu—B'x'erba għarab imsejcnin
« Priża ! Priża ! » u jbiegħuhom;—Għax tbiegħuhom ja chief-[rin ?
« Illi bniedem ijbieħ ieħor—Fejn ħallieh Alla mictub ?
General, dan fuk l'Eŭropa—Narah jiena l-acbar dnub.
« Dejjem bgħadtu, u bgħadt ħaġa oħra,—Li da'l ħabs kamet [għalija.
Illi uieħed ŭaħdu jaħchem—Bl-ebda ilgiem, bl-ebda tmerija.
« U fuk dan magħluk haŭn geŭŭa—Ili bosta u bosta snin :
Għal ħruxija ta' minn jaħchem—Ridt inkajjem il Maltin.
« Ma stajtx naħmel illi f'Malta—Is-Sultan jagħmel l'irid;
U giè f'rasi li b'takliba—Jarġa aħjar collox m'il ġdid.
« Inti għaref f'daŭna il ħŭejjeġ—Bonaparti, ŭiegeb lili !
Għamilt jien ħażin, jeŭ tajjeb ?—Liema għar issib f'għamili?
« Cull-ma għamilt jien stkarrejtulec,—Jecc f'dan collu issib xi [ħtija.
Xiħ imjassar haŭn kuddiemec....—Dac li jogħġboc agħmel bija.
« Iżda il Malta, Bonaparti,—Iżda il Malta taħkarhiex !
Dan jitolboc Mannarinu,—U d'it-talba tinshiex. »

IV.

BONAPARTI LIL MANNARINU.

« Mannarinu ! kabel jiena—F'Malta gejt cont nisma bic;
U fost ħsiebi ŭisk imkassam—Bosta drabi jien ħsibt fic.
« Nistkarrulec b'kalbi collha,—Meta ridt tixgħel il Gżira,
Franza tiegħi chienet għada—Ma stembħitx minn-nagħsa il [cbira.

« U għalhecc o Mannarinu—Uiċcec ridt narah b'għajnejja;
Inti Ragel ! ħalli ngħankec—Mannarinu, geŭŭa idejja !
« Lilec Malta tista tŭeġġeħ,—Ta' missier tista ittic l-isem;
Sabbat fl-art edaŭc il ħdejjed....—Ħoll u serraħ dac il gisem
« Inti ħieles minn da'l jasar,—Jien ma insiblec l-ebda dneŭua;
Inti urejt li tħobb il bniecem,—Cull ma għamilt xierak u [seŭŭa.
« Gaŭdi il Malta bħal missierha—Dana l-isem minnha ŭrittu;
Ibka ħieni f 'Malta tiegħec—(Jien se'mmur nieħu l'Egittu.) »

# Il Melodramm Malti.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

A

## PAOLINO VASSALLO

PROFESSORE IN MUSICA
PER LA SERATA DI LUI COL SUO

**FRAZIR**

AL « REALE » DI MALTA.

Ave, signore da'l potente ingegno,
di te decoro, e de la patria nostra,
a cui tu desti musicale pegno
il tuo *Frazir*, ch'ad altri (1) non si prostra.
Con questo tu imberciasti l'arduo segno
de l'Arte Musicale ne la giostra;
e tu, d'Apollo trascorrendo il segno,
quanto possiedi, tu mettesti in mostra.
Chi ne le notti insonni, melodia
tale t'inspirò pe'l tuo *Frazir* amante,
dolce così, che ci rapisce e india ?
Apollo stesso t'inspirolla al core;
questa ne rese il genio tuo fiammante,
e d'armonia vestì a *Frazir* l'amore.

ANTONIO CALLEJA.

Paulin Vassallo hu Bormlis bħali u għaldakstant u għax għandi kima cbira lejh għal ħiltu u għax xtakt li bħal ma ferħu tant bih in-nies ta'l Belt jifirħu ucoll, chif jixrak, in-nies ta' Belt tŭielidu ridt nagħmillu l-eŭŭel FESTA D'ARTE li katt saret f 'Malta u għaldakstant malajr għakkadt Cumitat ta'l aħjar nies ta'l professjoni ta' Bormla u li tiegħu jiena cont is-Segretarju u il ħabriechi Tabib Inglott il Presideent, u f 'it-30 ta' April ta'l 1905 għamilnilu festa fuk Santa Margherita li m'hux biss irnexxiet ħafna, ŭisk actar milli cont naħseb, iżda li damet tissemma għal ħafna żmien ŭara. F'il « *The Malta Times and United Service Gazzette* » ta'l 5 ta' Mejju 1905 chien deher articolu sabiħ li id-discriva il festa u li jiena sejjer ingibu billi chif għedna dina chienet l-EUUEL FESTA D'ARTE li katt chellu ix-xorti jgaŭdi artista malti u li nixtiek li bħalha jibdgħu jsiru lil daŭc il ħafna nies ta' ħila li għandna f 'pajjisna :—

## HONOR TO MERIT.

There was a brilliant scene on Margherita Hill, last Sunday afternoon, when the citizens of Cospicua assembled to pay a merited tribute to Professor Paolino Vassallo, who has done such honor to his birth-place, in the production of his new opera FRAZIR, so enthusiastically received at our Royal Opera. The proceedings were initiated by a march and overture by the Band of the Philarmonic Society « San Giorgio » of Cospicua under the efficient *baton* of Mr. Angelo Melilli; after which Prof: Vassallo was conducted amidst great enthusiasm to the stand; accompanied by Mrs. Vassallo, Mrs. Inglott, Mrs. and Miss Tromben, Mrs. Levanzin etc. There was a large representative gathering of the clergy, laity and the public generally.

Dr. G.F. Inglott, President of the Committee, read a stirring Address, after which he presented Prof: Vassallo with a magnificent silver centre piece, which was appropriately acknowledged. Mr. A. Levanzin, Secretary to the Committee, then formally presented the representatives of the Clergy, the Philharmonic Societies and other bodies, most of whom carried beautiful bouquets tied with national colours. The Casino *Zurrich* presented a handsome silver cup, suitably engraved.

In the several speeches which followed, Miss Tromben was highly complimented upon her rendering of the character of *Susanna*, which so largely enhanced the success of the opera.

(*Jissocta*).

(1) Spartiti autoctoni.

# JIENA MALTI !

Jiena Malti ! Kalbi inhossa
B'din il chelma toħla 'ddub !
Jiena Malti ! Jien fl Genna
Fuk da'l gebel hecc maħbub !
Ġmiel is-Sema 'mdauuar mighi
Ghax m'haunx isbaħ m'il-l'art (tighi !

Haun tuielidt; u chif għajnejja
Jien bexxakt, ghal chemm tarbija,
Donni rajt, gharaft m'il-l'euuel
Li m'il isbah hi xortija.
Li jien malti bħal ħassejt,
B'daħka helua 'nħares bdejt !

Minn ċcuniti, ghax jien malti,
Xammejt fuejha li tħennic :
Chien iż-żahar, il uard, il kron- (fol
U nuar ihor li jghaxxic,
L'jsir għasel, jati ir-ruh,
Chif m'in-naħla jcun mirduh !

Alla jibjerec ! Din l-art tagħna
Chemm tidħkilna sa trabbina !
Daca ġmjelha chif jisirkec !
Cull ma fiha collu żina !
Sema u baħar, miftghemin,
Lilna jħaddnu ma xulxin !

Collha bajda f 'nofs d'il chula,
Kjesa ġahaura ta's-Smenuiet !
Biex kgħedugħa f 'nofs da'l baħar,
Sgur m'ıs-Sema l'angli gijet !
Cull ma tagħmel collhu bnin !
Sa ijficcjuh il barranin !

O Mulej, int uaħdec tagħraf
X'hena f 'kalbi inġarrab jien,
Meta nara 'l Malta tighei
Tigi 'mfaħħra cullimchien !
Int biss taf chif demmi jisir,
Meta nisma da't-tifħir!

Malta 'ssemmi 'd-dinja collha
Rocna rocna chif iddur
Chif jien, mela, li jien malti,
Nista 'nżomm, bla kalbi tfur
Bil hleuuiet ta'l cbira 'mhabba,
Li hassejt f'd'il kalb titrabba ? !

Malta tighei, jien ħabbejtec
Sa m'il jum li rajtni fic !
Iżda 'l-lum, li nagħrfec seuua,
Xrar imħabbti 'rrid nuric;
Ghax inchella nintemm fija,
Jecc inżomma uisk moħbija.

Oh, xi ħleuua ! Chif inħossni
B'din il chelma biss nistrjeh !
Jiena malti ! Jien 'nħobboc !
B'gismi, b'ruħi 'ntic cull gieħ !
Sa chemm tibka katra f'demmi,
L'isem tigħec nibkgħa 'nsemmi.

Demmhom tauc missirijeti,
Dauc l'egħżjeż, il kalbenin !
Demmhom tauc u ħriġt rebbieha
Fuk il chiefra misilmin !
Ma setgħoux, o ċchejcna gżira,
Dauc il cljeb jagħmluc ilsira !

Ghadam njexef, fdal immermer
Inti tgħożż ġo fic miżmum.
Fuk daun l'okbra, mixħut jiena
Chelma ntic l'incun mitmum
Għal-l'imhabbtec, għal ħijes tigħec,
Jecc l'għedeuua jduru migħec !

O Rebbjeħa Malta tieghi,
Żomm il palma dejjem f'idec !
Jiena Malti, minhjex gjefi:
Hadd ma jaħcmec, ma jicun sidec !
Għaljex demmi nissluh fija
Dauc li mjetu kalbenija?

Jiena Malti ! Jien 'nħobboc,
Għax Int tighei l'egħżeż omm !
Inħobb ġmielec, cull ma fic:
Ismec f 'kalbi nibkgħa 'nżomm.
Haun tuelidt, haun hecc midfun
O Muleija, 'rrid incun.

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

U billi haŭn ħarbitilha tnehida Ħamid kallha :—

—« Rabbi ftit ta'l ħila issa li ma immorrux ninchixfu. Ix-xita, biex tgħinna, sħat u l-ajru inchines minn dac is-sħab isŭed u icreħ li chien kiegħed ijżommu imgħammem. Il caless l-aħjar inħalluħ jistenniena f 'da's-skak u aħna nitilgħu b'il mixi ma'l ħajt il ħajt biex ma natux f 'il għajn chemm nistgħu. Jakbel hecc ?...»

Carmena ŭieġbet «iva; » tleffet seŭŭa f 'il cabozza ŭara li niżżlet il muntar fuk għajnejha, u ħarġet m'il caless ŭarajh. Ħamid ftiehem ma Ġanni ta'l Caless u bla cliem xejn gibdu lejn is-Sakkajja.

L-ajru chien għoddu safa, il cŭiecheb bdeŭ ŭaħda ŭara l-oħra joħorġu jteptpu għajnejhom fuk dic il ħemda chiesħa li tnicchet u li ma chienitx micsura ħlief m'il ħsejjes coroħ ta'l glieghel ta'l ilma u minn xi nigħi ta' nagħġa f 'xi makjel.

Nies ħadd; fuk is-Sakkajja cont tista toktol u tidfen. Dac iż-żmien in-nies għal gid ta' ruħhom u ta' gisimhom chienu jbejjtu cmieni u jsebbħu actar.

Daħlu bla ħoss l-Imdina u gibdu għat-triek it-Tŭila fejn chien jokgħod Ghirgor is-Sagristan ta'l Catidral. Meta ŭaslu fuk ponot subgħajhom, ŭara biebu kagħdu ftit jissemmgħu biex jaraŭ chienx rieked u biex jaraŭ, kabel ijħabbtu, chienx gej xi ħadd ma tul il ħara. Baħħ. Ħamid ressak ŭidintu lejn il bieb ta' Ghirgor u semgħu jgħedŭed ir-rusarju, tefa għajnu ġo't-tokba ta'l muftieħ u ra bħal leħħa ta' musbieħ ineŭnem. Gibed lil Carmena ŭara il coxxa ta'l bieb u taptap b'il għacsiet t'idu darbtejn. Ghirgor semgħu malajr, gie ŭara il bieb u staksa min. Meta ŭieġbu li chien Ħamid u li chellu bżonn ijchellmu bla telf ta' żmien, għad li chienu ħbieb seŭŭa, is-sagristan tfixchel għaliex chien ġa jaf b'il praspura collha ta' Carmena u li Ħamid chien ŭeħel b'iz-zocc ta' collox.

Iżda biex jcun jaf il biċċa minn għankudha minn fomm Ħamid stess ħalli l-agħda jcun jaf x'ijpaċpaċ fuk iz-zuntier, fetaħ, bexxak il bieb x'ħin gibdu geŭŭa, ħabat se'r jagħlak malajr li xi flien ma jarax hemm geŭ lil Ħamid u jorbotlu cusu ma' bieb Ambroġ. Ħamid laka il bieb b'idu, gibed lil Carmena ŭarajh u tebak il bieb bla ħoss.

—«U dan min hu ? » staksa mibluħ Ghirgor « Dan sgur ħabib ucoll ? Uri ŭiccec, xbin....» u x'ħin kal hecc kabad il bурnus ta' Carmena biex jara min chienet.

Ħamid żammlu malajr idu u kallu :— « Ma jistax jcun li tara ŭiċċ dac jecc ma tŭiegħidniex kabel li tagħmel dac li gejna nitolbuc u trid taħlef ucoll fuk dic ix-xbiha li għandec imŭaħħla ŭara il bieb li ma tgħeid lil ħadd lil minn chellimt. »

Ghirgor ċaklak rasu u billi chellu mitt sena biex jara min chellu miegħu Ħamid ŭiegħu :- -

—« Basta ma tgħallunix. Jecc nista nisŭielcom f 'xi ħaga bla għauġ, għala ma nakdicomx ? »

Ħamid kallu :— «Dana ħabib cbir ta'l Ħachem u jixtiek ħafna bħali jaraħ kabel jidfnuh: gejna biex tiftħilna il Catidral tħallina naraŭ u imbusuh u nergħħu immorru. Da's-sinjur m'hux sejjer ijħallic b'xejn ta'l csir-ir-ras....»

Ghirgor ċaklak rasu, beda jtemtem u kal :— « Nibża li tgħalluni.... u dan x'fettlilcom ?... u jecc jisma l-Arcipriet ma jcheċċinix....»

—« Ħallic minn dan il ħafna taktiegħ il kalb.... kabeż kallu Ħamid « jecc tagħmel li għedtlec, hemm gorda sħuna sħuna għalic għal l-imbit.... ibleħ ! isma minni titlifhiex....»

—« Jiena m'hux għal gorda.... » temtem Ghirgor.... « għax imkar biex nakdicom iżda nibża li.... »

—« Tibża xejn » 'raġa Ħamid « aħna rġiel.... mela marret, hux ? ? ?... »

—« Basta.... » tenna Ghirgor.

( *Jissocta.* )

Ħanut cbir u sabiħ għal chiri b'is-supplica u il commoditajjiet collha li trid is-Sanità, f 'Balzunetta, Sda: Botanico No 14. Staksu għand Attard li jokgħod fl-istess triek numru 12,

Fetħet il
**MISIDA PHARMACY**
ta'l Farmacista **A. Agius.**
COLLOX B'IRHIS U M'IL AHJAR.

## ID=DIABETE

hi marda li jecc tilkagħha m'il eŭŭel tista tfiek minnha f'kasir żmien, iżda li jecc tħalliha tidħol il geŭŭa seŭŭa bla ma ticcuraha tista anche tibagħtec id-dinja l-oħra. Ilhom snin cbar jitħabtu biex ijsibu rimedju seŭŭa li jfejjakha f'kasir żmien u għal collox u fl-aħħar irnexxeŭ billi sabu il

**FERMENTIN**

li scond ma jgħidu l-aħjar Professuri ta'd-dinja għal d'il marda ħadd ma jagħilbu. Ippruvaŭħ mela m'il actar fis !

Min hu marid bl-ANEMIJA (lakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L' ELIXIR**
**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija-Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭħ fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor-Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.
Jinbiegħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib
**FABRIZ BORG.—Il Belt.**
**267, STRADA REALE.**

## GHA'N = NERVUSI !

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm mediċina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi

## L=ANTINEVROTICU

TA'L
**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand
**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**
ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.
IPPRUVAUHA ! GID TISTA TAGHMEL BISS.

**Fl-Istitut ta's-Sur C. L. Borg,** ta' Strada Due Porte, 188-189 l-Isla jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa ingliża, taljana, franciża, latina, ta'l Matematica u ta'l Cummerċ, ta'l Istorja, Calligrafija u Reliġjon.

In-neguzjant u ħajjat Giovanni Valenzia ta' Bormla għadu ehemm ircieva assortiment cbir ta' casimiri, flanelli, alpaca u ta' drappijiet oħra m'il aħjar; u javża li jagħmel ilbiesi minn lirautnax il xelin il fuk. Min irid jixtri id-drapp biss ijbegħlu ucoll. Collox irħis u iggarantit.

Min ijrid jitgħallem ijfassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u faj-jenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

Min ijrid jixtri

# CAUCAU

**m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ijfittex il marca tant imfahhra**

# BENSDORP

ghand il maghrufa minn cullhadd

# C. CAMILLERI & SONS

50-51, STRADA MERCANTI — IL BELT.

U MA JIBDIELUX.

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**